# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Cit. Nru. 492/95 GCD**

**Tabone George ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali Sara Grech Limited.**

**Vs**

**Fillina Tatiana mart Youri Fillini u l-istess Youri Fillin u b'digriet ta' l-10 ta' Mejju, 2000 gew nominati l-Avukat Reno Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuratur deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Tatiana Fillina u Youri Fillin u b'nota tas-16 ta' Marzu 2001 Dr Stephen Thake assuma l-atti tal-kawza fl-interess tal-konvenuti assenti minn Malta.**

**Il-Qorti,**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TAL-ATTUR NOMINE

1. B'citazzjoni l-atturi talbu li jigu mharka l-konvenuti biex jidhru quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u hemmhekk, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u moghtija l-provvedimenti mehtiega, l-istess konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex: 1) tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm5,568.58 bilanc dovut lill-istess atturi bhala kumpens ghas-servizzi lilhom resi in konnessjoni max-xoghol ta' rinnovazzjoni ta' Villa Marquis, Triq Madliena, Madliena, bl-imghax skond il-ligi mid-data li l-pagament kien dovut.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI

2. Il-konvenuti eccepew illi (I) l-atturi ma qdewx l-inkarigu taghhom kif imiss; (II) parti mill-ammont ma kienx dovut peress li l-atturi ma kienux involuti fix-xiri ta' certi oggetti; (III) ix-xogholijiet ma tlestewx fiz-zmien stipulat.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B’sentenza tas-26 ta’ Novembru, 1999, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' attrici.

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTUR NOMINE</u>**

4. L-attur nomine hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk jinterponi illi appell quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju segwenti.

(i) Iz-zmien meta kellhom jitlestew ix-xogholijiet. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-partijiet ftehmu zmien meta x-xogholijiet in kwestjoni kellhom jitlestew. Jirrizulta minghajr dubbju mix-xhieda ‘lli l-konvenuti xtaqu li x-xoghol jitlesta sal-Milied tal-1994. Jirrizulta wkoll li dan il-kliem intqal qabel l-att finali ta’ trasferiment tal-proprjeta’ fuq imsemmija[1]. Il-konvenju, pero’, li kellu jiskadi f’Lulju tal-1994, gie estiz ghall-5 ta’ Settembru, 1994[2]. Ix-xoghol ta’ rinnovazzjoni tal-post ghalhekk beda xahrejn wara z-zmien li kellu jibda’.

L-appellanti ghalhekk jissotomettu bir-rispett illi anke kieku, *dato ma non concesso*, kien hemm ftehim dwar data ta’ kompletazzjoni tax-xoghol, din kellha tigi estiza b’xahrejn u cioe’ perjodu ekwivalenti ghal dak li bih gie estiz il-konvenju. L-ewwel Qorti skartat ghal kollox dan il-fatt li wkoll jinsab dokumentat fl-atti tal-kawza.

(ii) Jekk ix-xogholijiet tlestewx sa dak iz-zmien.

Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti qalet illi:

> Il-Kwistjoni, mela, ma hix jekk kienx hemm zmien miftiehem, izda jekk ix-xogholijiet tlestewx sa dak iz-zmien.

Naturalment, dan l-argument ukoll hu bbazat fuq il-prezunzjoni li kien hemm zmien miftiehem. Il-Qorti ccitat l-art. 1362 tal-Kodici Civili li jitratta s-senserija. L-appellanti, bir-rispett kollu, ma jistawx isegwu l-argument tal-ewwel Qorti. Il-kawza odjerna m'ghandha xejn x'taqsam ma' senserija peress li ma titrattax bejgh ta' propjeta' izda ftehim ta' appalt fejn l-atturi appellanti kellhom jiehdu hsieb ir-rinnovazzjoni tal-Villa tal-konvenuti. Ir-rizultat tax-xogholijiet li saru kellu jkun wiehed accettabli skond kif jirrikjedu l-arti u sengha u c-cirkostanzi li hadmu fih l-atturi. L-appellanti jissottomettu li ma hemm xejn eccezzjonali f'dan il-ftehim li fuq kollox hu wiehed komuni ferm. Il-hlas dovut lill-appellanti hu ekwivalenti ghal dak li solitament jintalab minn min joffri dan is-servizz.

Minkejja li l-att finali ta' trasferiment tal-proprjeta' sar xahrejn wara d-data li kellu jsir, ix-xoghol xorta wahda tlesta sal-Milied tal-1994 b'zewg eccezzjonijiet u cioe', il-*louvers* tal-*aluminium* u xi *fittings* tal-kamra tal-banju li s-*supplier* ma riedx jaghtihom peress li l-konvenuti kienu

waqghu lura fil-pagamenti taghhom[3]. Dawn ix-xogholijiet tlestew ukoll hekk kif il-materjal kien disponibbli.

Fatt iehor skartat mill-ewwel Qorti u li certament jirrifletti fuq l-intenzjoni tal-kontraenti kien dak li l-ghamara tal-kcina u dik tal-kamra tas-sodda kellhom jitlestew f'Marzu tal-1995[4]. Dawn ma kienux jiffurmaw parti mill-inkarigu li naghtaw l-atturi. Il-konvenuti kienu jafu li ma setghu qatt jabitaw fid-dar qabel Marzu tal-1995. Kif xehdet il-konvenuta Fillina:

> She said she needed a kitchen anyway, she can't live in the house without a kitchen.

(iii) Jekk l-inkarigu giex ezegwit kif imiss

Il-Qorti kkwotat minn ittra[5] mibghuta mix-xhud George Tabone lill-konvenuta. Fl-ewwel lok, f'dan il-paragrafu Tabone ikompli jghid:

> I was only to carry out the jobs pending as specified previously. This you confirmed when you came to our office with Natalia Menchova who acted as your interpreter.

Il-fatt li ma kkunsidratx il-Qorti kien dak li l-konvenuti hallsu lill-kuntratturi kollha li hadmu ghas-socjeta' attrici. Li kieku l-konvenuti ma kienux

kuntenti bix-xoghol li sar, ghalfejn hallsuhom? Ghaliex hallew biss pendenti l-ahhar kont tas-socjeta' attrici? Wiehed kien jistenna li jekk ix-xoghol li sar ma kienx tal-livell mistenni, il-konvenuti ma kienux ihallsu lill-kuntratturi u wisq inqas lis-socjeta' attrici stess. Ladarba l-konvenuti hallsu lill-kuntratturi kollha ma jistghux jaharbu l-obbligu taghhom li jhallsu lis-socjeta' attrici li kienet ikkommissjonat lill-istess kuntratturi u li allura kienu qed jahdmu fuq inkarigu taghha.

Oltre dan kollu, l-appellanti jissottomettu bir-rispett li ma ngiebet l-ebda prova attendibbli dwar xoghol hazin. Ma giet ezibita l-ebda stima, ricevuta jew dokument iehor li jissostanzja u jfihem dak li kiteb.

Wara dan kollu, l-ewwel Qorti ghaddiet biex, *arbitrio boni viri*, iffissat rata ta' hamsa fil-mija li, fil-fehma taghha hu bizzejjed biex is-socjeta' attrici tkun imhallsa sew tas-servizzi li rrendiet. Fl-umili fehma tal-esponenti, mill-fatti tal-kaz il-Qorti ma setghet qatt tasal ghal din il-konkluzjoni. Inoltre, li kieku verament certu xoghol ma tlestiex (u dan qed jinghad dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost), il-Qorti setghet illikwidat id-danni sofferti mill-konvenuti u naqqsithom mill-ammont dovut mis-socjeta' attrici.

Ghalhekk l-appellant nomine talab li din l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta'

Novembru, 1999 fl-ismijiet premessi u tilqa t-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-kontroparti appellati.

Ir-Risposta tal-Avukat Dottor Stephen Thake nomine:-

5. L-appellati wiegbu hekk:

(i) Illi l-appell tal-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra l-istess attur billi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi ikkonfermata bl-ispejjes kontra l-atturi appellanti.

(ii) Illi l-atturi appellanti gew fdati mill-konvenuti sabiex ghall-fini tar-rinovazzjoni ossija r-*refurbishment* tal-propjeta' tal-konvenuti appellati, huma jsibu kuntratturi u fornituri mehtiega, u, permezz tas-supervizjoni neccessarja, jqisu illi x-xogholijiet jitlestew fiz-zmien miftiehem u jkunu ta' kwalita' tajba. Kif gie korrettament deciz mill-ewwel Qorti, l-obbligi tal-atturi naxxenti mill-ftehim taghhom mal-konvenut kienu essenzjalment is-segwenti, l-obbligu illi jikkontrattaw mal-haddiema u fornituri neccessarji ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet neccessarji sabiex il-fond jitlesta; l-obbligu illi jqisu illi l-imsemmija jitlestew sal-bidu ta' Dicembru.

(iii) Illi irrizulta mill-provi migbura f'din il-kawza illi l-atturi naqsu mill-adempiment tal-obbligi kollha gravanti lilhom skond il-ftehim stipulat. Huma ma hadux hsieb illi jqisu illi x-xogholijiet kollha mehtiega jigu ordinati; ma hadux hsieb illi jqisu illi x-xogholijiet ezegwita jsiru skond is-sengha u l-arti u finalment x-xogholijiet ma tlestewx fiz-zmien stabilit bejn il-partijiet kontendenti.

(iv) Illi l-kumpens pagabbli mill-konvenuti appellati lill-atturi, skond kif allegatament stipulat mill-partijiet kien ta' hmistax fil-mija (15%) tal-valur tax-xogholijiet illi jkunu saru taht is-supervizjoni tal-atturi. Dan il-kumpens huwa ovvjament generuz u jeccedi bil-bosta dak ordinarjament stabilit f'cirkostanzi simili. F'kuntratt bilaterali u oneruzi, il-korrispettiv pagabbli minn parti lill-ohra, oltre milli huwa element essenzjali tal-kuntratt, huwa fih innifsu prova tac-cirkostanzi, jew uhud minnhom, tal-kuntratt, u l-istipulazzjonijiet l-ohra tal-kontraenti. Meta kuntratt jkun bilaterali u oneruz, il-korrispettiv pagabbli lill-parti huwa prezunt illi huwa bilancjat mal-obbligi indossati lil dik il-parti. Altrimenti in-natura oneruza tal-kuntratt tkun kompromessa b'elementi ta' gratuita' – haga manifestament eskluza fil-kaz odjern. Ghalhekk l-obbligi imposti fuq is-socjeta' appellanti ma jistghux jinghataw tifsir jew interpretazzjoni generuza ghas-socjeta' attrici. L-obbligi principali tas-socjeta' attrici kienu l-allestiment tax-xogholijiet fi zmien miftiehem u l-obbligu illi tqis illi x-xogholijiet kollha ikkommissjonati minnha (ghan-nom tal-appellati)

jkunu skond is-sengha u l-arti u ta' l-ghola kwalita'. Is-socjeta' attrici naqset fiz-zewg obbligi taghha.

(v) Illi l-konvenuti appellati riedu illi x-xogholijiet kollha jitlestew sal-Milied tas-sena 1994. Kellhom ragunijiet tajba hafna ghalfejn riedu dan u fil-fatt kienu organizzaw hajjithom fuq l-assunzjoni illi huma kienu sejrin jidhlu fid-dar il-gdida taghhom fil-bidu tas-sena 1995. Id-diretturi tas-socjeta' appellanti kienu ghall-ewwel cahdu l-esistenza ta' xi ftehim dwar data ta' terminazzjoni tax-xogholijiet. L-ewwel Qorti wara illi fliet l-inkosistenzi taghhom f'dan ir-rigward u nnutat xi ammissjonijiet impliciti ta' dan l-obbligu, qiset illi c-cahda taghhom ma setghetx tittiehed bis-serjeta'. L-istess Qorti ezaminat il-provi migbura u sabet illi bosta xogholijiet kienu ghadhom ma tlestewx sa Dicembru. F'dan ir-rigward hadet ukoll konjizzjoni tal-ammissjonijiet (involontarji) tad-diretturi tas-socjeta' appellanti.

(vi) Illi fl-appell taghha is-socjeta' attrici appellanti attakkat l-applikazzjoni mill-ewwel Qorti tal-Artikolu 1362 tal-Kodici Civili peress illi dan l-Artikolu jirrigwarda is-senserija u mhux (kif tippretendi illi huwa l-kaz) l-appalt. L-esponent jissottometti illi l-ewwel Qorti kienet gustifikata illi titratta r-rapport gjuridiku ta' bejn il-kontendenti bhala principalment wiehed ta' senserija. L-ghemil tas-socjeta' appellanti kien jikkonsisti principalment f'illi issib kuntratturi sabiex jahdmu fid-dar tal-konvenuti

taht il-kondizzjonijiet ordinati mill-istess konvenuti. F'kull kaz pero' ir-riferenza illi ghamlet l-ewwel Qorti ghas-senserija kienet biss fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-kumpens pagabbli lis-socjeta' appellanti. Allura anke jekk wiehed jqis il-kuntratt bejn il-kontendenti bhala wiehed ta' appalt u jikkokludi illi s-socjeta' appellanti naqset mill-obbligi taghha, il-konkluzjoni tkun l-istess.

(vii) Fl-appell taghha is-socjeta' konvenuta tenniet ic-cahda tal-ezistenza ta' xi data ta' allestiment u invokat bhala prova ta' dan il-fatt illi l-ghamara tal-kcina u tal-kamra tas-sodda tal-konvenuti tlestew f'Marzu tas-sena 1995. L-esponent jhoss illi l-valur probattiv ta' dan il-fatt fuq il-kwistjoni tal-perjodu tal-allestiment huwa propju ta' xejn. Ir-ragunijiet ghalfejn damet biex giet ordnata u biex saret din l-ghamara ma humiex rilevanti ghall-kawza, zgur pero ma jincidux fuq l-istipulazzjoni dwar id-data tal-allestiment u certament ma jservux biex jgeddu tali data ghall-beneficju tas-socjeta' appellanti.

(viii) Is-socjeta' appellanti qeghda tikkontesta l-fatt illi certi xogholijiet saru hazin. Dan il-fatt pero' gie provat bix-xhieda tal-konvenuti u bix-xhieda ta' persuni ohra illi xehedu fil-kors tal-kawza u b'certifikati mahruga minn Periti. Fl-appell taghha is-socjeta' attrici tistieden lil din il-Qorti tiddeduci illi x-xogholijiet saru sew mill-fatt illi l-kuntratturi gew imhallsin. Fl-ewwel lok ma huwiex minnu illi l-kuntratturi kollha thallsu.

Fil-fatt hemm kawza pendenti ma' wiehed minnhom. Di piu', il-konvenuti kienu qaghdu fuq id-diretturi tas-socjeta' attrici u kienu generalment baghtu l-flus kif u meta gew mitluba jaghmlu dan mill-istess diretturi. Il-fatt illi kontraent wiehed jonora l-obbligi tieghu ma ghandux jeskludih milli jallega illi l-kontraent l-iehor m'ghamilx l-istess.

(ix) Illi finalment u konformament mal-principju tad-divoluzzjoni tal-appell, l-esponent jirrileva illi ghalkemm ma ssemmiex fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, irrizulta illi s-socjeta attrici abbandunat l-obbligi – pero' mhux id-drittijiet – taghha kmieni fis-sena 1995. Il-konvenuti spiccaw ghalhekk jittrattaw mal-haddiema u l-kuntratturi minflok is-socjeta' attrici sew biex jsiru l-konsenji tax-xoghol u kif ukoll sabiex zbalji fix-xoghol jigu ikkorreguti. Naturalment is-socjeta' appellanti qiset illi l-valur ta' tali xogholijiet jidhlu fil-konteggi taghhom ghall-fini tal-pretenzjoni odjerna.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-aggravju tal-attur nomine huwa essenzjalment ibbazat fuq apprezzament ta' provi ta' fatt. Skond hu l-ewwel Qorti, tenut kont tal-provi li gew prodotti quddiemha kellha takkolji, u mhux tirrespingi, t-talba tieghu ghall-hlas bilancjali reklamat minnu bhala kumpens ghal servizzi varji rezi lill-konvenuti appellati, u dan skond ftehim li kien sar bejniethom. Il-bilanc reklamat mill-attur nomine gie kkwantifikat fl-

ammont ta' Lm5,568.58, li jirraprezenta percentwal ta' 15% fuq l-ispiza totali tax-xogholijiet u fornituri effettwati fil-Villa Marquis, Triq Madliena, Madliena, proprjeta' ta' l-appellati fil-kors ta' xogholijiet estensuri ta' rinovazzjoni li saru fiha.

7. Il-lanjanzi ta' l-attur nomine huma diretti lejn tlett aspetti tas-sentenza appellata, igifieri,

(i) Iz-zmien meta kellhom jitlestew ix-xogholijiet;

(ii) Jekk ix-xogholijiet tlestewx sa dak iz-zmien;

(iii) Jekk l-inkarigu giex esegwit kif imiss.

<u>Dwar iz-zmien meta kellhom jitlestew ix-xogholijiet</u>

8. L-attur appellant ma jaqbilx li kien hemm zmien specifikat ghat-tlestija tax-xogholijiet. F'kull kaz, anki li kieku kien hemm ftehim kif gie zbaljatament ritenut mill-ewwel Qorti, jissottometti l-appellant, ix-xoghol <u>de quo</u> beda xahrejn tard peress li l-konvenju ghat-trasferiment tal-akkwist tal-Villa da parti tal-konvenuti gie estiz b'xahrejn.

Il-Qorti tibda billi tosserva li hawn si tratta ta' apprezzament ta' provi ta' fatt. Minn dak li jemergi mill-provi kien jidher wisq evidenti li l-konvenuti kienu anzjuzi li x-xogholijiet ta' rinnovazzjoni jitlestew fl-iqsar zmien possibbli u mhux verosimili ghalhekk li ma kien hemm ebda ftehim dwar

zmien. Il-Qorti lanqas tifhem kif l-attur nomine jippretendi li jidhol ghal inkarigu li tieghu qieghed jippretendi kummissjoni sostanzjali ta' hmistax fil-mija (15%) fuq il-kont globali tax-xogholijiet rezi u dan billi jiftihem biss bil-fomm ma; koppja ta' nazzjonalita' barranija. Fi sfond fluwidu bhal dan kien jidher naturali li l-possibilita' ta' malintizi kienet ser tkun wahda reali u fil-fatt hekk gara. Dan maghdud, il-provi prodotti juru li l-konvenuti riedu li x-xogholijiet kollha jkunu tterminati sal-Milied 1994. Kien il-hsieb taghhom illi jmorru joqghodu fil-Villa ghall-bidu tas-sena 1995. Sara Tabone, prodotta mis-socjeta' attrici xehdet li "There is no agreed date, there was always a wish that it will be finished in December..." min-naha l-ohra pero' l-attur nomine nnifsu jikkontradixxiha billi dan jasserixxi fl-affidavit tieghu (fol. 5 tal-process) illi "ix-xoghol tlesta fiz-zmien miftiehem ghalkemm dan qasir hafna."

Illi mis-suespost tenut ukoll kont tax-xhieda moghtija mill-appellati ghandu ghalhekk jirrizulta li ma setax ikun li ma kienx hemm zmien specifikat u miftiehem. Issa jekk l-attur nomine deherlu li z-zmien hekk miftiehem kien qasir wisq, allura ma messhux dahal biex jaccetta l-inkarigu minnu assunt f'isem is-socjeta' attrici.

<u>Dwar jekk ix-xogholijiet tlestewx sa dak iz-zmien.</u>

9. Ma hemmx dubbju li l-provi juru li x-xogholijiet ta' rinnovazzjoni previsti mill-partijiet ma gewx ikkompletati entro z-zmien miftiehem. Quddiem dan l-inadempjenza provata da parti tas-socjeta' attrici, l-ewwel Qorti dehrilha li ghandha tirreferi ghall-artiklu 1362 tal-Kodici Civili (Kap 16) li jistipula hlas ta' senserija fil-kazijiet hemm imsemmija ta' wiehed fil-mija (170). Finalment, pero' dehrilha li ghas-servizzi pprestati, is-socjeta' attrici kien jisthoqqilha kumpens oghla, pero' f'percentwal anqas minn dak ta' 15% kif originarjament miftiehem li kieku rrizulta li x-xoghol tlesta kif u meta suppost. L-ewwel Qorti kkalkolat kumpens a bazi ta' rata ta' hamsa fil-mija (5%).

10. Illi minn ezami sew tas-sentenza appellata, ghalkemm ictu ocoli dan ma johrogx b'mod evidenti mill-ewwel, jidher li l-ewwel Qorti wara li stabbiliet li kien hemm inadempjenza da parti tas-socjeta' attrici f'dak li hija obbligat ruhha li taghmel, fl-istess waqt irrikonoxxiet li xorta wahda xi ammont ta' kumpens kien dovut lilha ghas-servizzi li hija effettivament irrendiet. Kien ghalhekk li ghall-fini ta' likwidazzjoni ta' kumpens xieraq u bhala punt ta' riferenza hija dehrilha li ghandha taghmel riferenza ghall-artiklu 1362 tal-kap 16 u kwindi mhux biex tikkunsidra s-servizzi moghtija u hlas dovut dwarhom bhala senserija. Fir-realta' jidher li s-socjeta' attrici kienet ftehmet mal-kontroparti appellata li tircievi kummissjoni ta' 15% ghal appalt moghti lilha. Stabbilit li l-appalt ma giex rez entro dak li kien gie miftiehem, l-ewwel Qorti dehrilha li filwaqt li

s-socjeta' attrici ma kienx jisthoqqilha l-hlas kollu miftiehem, fl-istess waqt kien haqqha kumpens xieraq. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti ma kien hemm xejn barra minn loku fl-ezercizzju kondott mill-ewwel Qorti biex waslet ghal likwidazzjoni verjuri minn dik reklamata mis-socjeta' attrici appellanti fl-att tac-citazzjoni.

<u>Dwar jekk l-Inkarigu giex esegwit kif imiss</u>.

11. L-attur nomine jargomenta li ladarba jirrizulta li l-konvenuti appellati hallsu lill-kuntratturi kollha, ma jaghmel l-ebda sens li huma jaharbu l-obbligu fosthom li jhallsu wkoll lilha skond kif gie miftiehem.

Din il-Qorti, dwar dan l-argument tal-appellant, jidrilha li minkejja l-validita' ta' dak asserit mis-socjeta' attrici, mill-banda l-ohra wiehed jista' wkoll kuntrarjament jargumenta li la l-konvenuti ma hallsux ukoll l-ammont kollu miftiehem mal-attur nomine in linea ta' kummissjoni bhalma hallsu lil haddiehor, xi raguni bilfors ried ikun hemm. Dan igibna awtomatikament ghat-tieni parti tal-lanjanza attrici, dik igifieri li l-konvenuti ma gabux provi sodisfacenti li kien hemm tassew nuqqasijiet, inadempjenza u xoghol hazin – aspetti dawn li ghal darb' ohra huma prettament ta' natura fattwali u mhux ta' dritt.

12. Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata ghandu jirrizulta bic-car li l-ewwel Qorti kienet gharblet sew dan il-punt. Fost il-konkluzjonijiet u kostatazzjonijiet maghmulin mill-ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza appellata niltaqghu mas-segwenti:

> "Difficli, mela, tifhem kif id-diretturi tas-socjeta' attrici setghet tghid li l-konvenuta 'kienet kuntenta' bix-xogholijiet".

X X X

> "Jidher li kien hemm mhux biss nuqqas ta' sorveljanza fuq il-kwalita' izda wkoll nuqqas ta' ko-ordinament tax-xoghlijiet minn naha tas-socjeta' attrici..."

X X X

> "...ladarba s-socjeta' attrici ma qdietx l-obbligazzjonijiet taghha bil-ghaqal ta' <u>bonus palerfamilias</u>, ma jisthoqqilhiex il-hlas bir-rata 'generuza' li stipulat mal-konvenuti billi <u>inademplenti non est ademplendum</u>".

Din il-Qorti, wara li kkonsidrat mill-gdid il-provi, jidhrilha li, bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellant nomine, il-konvenuti appellati ressqu provi sufficjenti biex jiddimostraw kemm tassew kien hemm nuqqasijiet ta' termini u ta' prestazzjoni da parti tas-socjeta' attrici u li dan kollu kien iwassal ghac-cahda tat-talba attrici kif dedotta. L-ewwel Qorti kienet korretta f'dak li hija finalment ikkonkludiet u ddecidiet u kwindi l-aggravji

tal-attur nomine huma kollha kemm huma infondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata kif moghtija, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Novembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

df